IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.2.2025
COM(2025) 66 final

ANNEXES 1 to 3

**ANNESSI**

**tal-**

**Proposta għal RAKOMMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà**

## <u>ANNESS I – Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni għar-rispons għal kriżi taċ-ċibersigurtà</u>

Id-dijagramma ta' hawn taħt turi u tiġbor fil-qosor il-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku tal-Unjoni: min ikellem lil min fi kriżi taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, f'konformità mal-mekkaniżmi rilevanti ta' kriżi tal-UE fl-Anness II hawn taħt. Tali kriżi inevitabbilment se tinvolvi impatt fid-dinja reali f'settur kritiku wieħed jew aktar, li jirrikjedi koordinazzjoni mill-qrib bejn il-komunità ċibernetika u l-mekkaniżmi ta' rispons settorjali u tal-protezzjoni ċivili. Inċident ċibernetiku jista' jkun parti minn kampanji ibridi usa' u għalhekk ir-rispons ċibernetiku għandu jiġi kkoordinat ma' azzjonijiet oħra f'konformità mal-istrateġija ta' preparatezza tal-Unjoni.




(1) Is-CSIRTs u/jew iċ-Ċentri Ċibernetiċi Transfruntieri jidentifikaw inċident ċibernetiku fuq skala kbira.
(2) In-Network tas-CSIRTs jeskala f'konformità mal-proċeduri interni.
(3) L-EU-CyCLONe jikkoordina r-rispons operazzjonali fil-każ ta' inċident fuq skala kbira.
(4) Il-Presidenza tal-Kunsill, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, tiddetermina jekk tattivax jew tiddiżattivax l-arranġamenti ta' kriżi tal-UE (IPCR).
(5) Meta l-IPCR jiġi attivat, ir-rapporti tal-ISAA żviluppati mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jinfurmaw id-diskussjonijiet. L-EU-CyCLONe u l-JCAR għandhom jipprovdu kontribut lill-ISAA. Il-Kunsill huwa infurmat ukoll minn analiżi tas-SIAC.
(6) Is-CERT-UE huwa responsabbli għar-rispons operazzjonali għall-kriżijiet li jolqtu l-entitajiet tal-Unjoni; informazzjoni rilevanti tista' tiġi pprovduta lill-EU-CyCLONe mill-IICB permezz tal-Kummissjoni bħala punt ta' kuntatt.
(7) Il-Kunsill, l-EU-CyCLONe u n-Network tas-CSIRTs għandhom ħarsa ġenerali tar-reazzjonijiet fil-livelli politiċi, operattivi u tekniċi, rispettivament.

## ANNESS II - ATTURI RILEVANTI FIL-LIVELL TAL-UNJONI (ENTITAJIET U NETWORKS) U MEKKANIŻMI TA' ĠESTJONI TAL-KRIŻIJIET

### (1) Atturi rilevanti fil-livell tal-Unjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi

| Livell/ Stadju | Preparatezza | Detezzjoni | Rispons | Irkupru |
|---|---|---|---|---|
| **Politiku** | • Kunsill<br>• Kummissjoni<br>• SEAE | | • Kunsill<br>• Kummissjoni<br>• SEAE | |
| **Operazzjonali** | • EU-CyCLONe<br>• ENISA<br>• Kummissjoni<br>• Europol | | • EU-CyCLONe<br>• Kummissjoni<br>• ENISA<br>• CERT-UE (għal inċidenti li jaffettwaw l-entitajiet tal-Unjoni)<br>• Europol | • ENISA |
| **Tekniku** | • Network tas-CSIRTs<br>• Ċentri Ċibernetiċi Transfruntieri<br>• CERT-UE | • Network tas-CSIRTs<br>• Ċentri Ċibernetiċi Transfruntieri<br>• CERT-UE | • Network tas-CSIRTs<br>• CERT-UE | • Network tas-CSIRTs<br>• CERT-UE |

### (2) Rwoli u kompetenzi tal-atturi rilevanti fil-livell tal-Unjoni (f'ordni alfabetiku) fir-rigward tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi

| Attur | Livell | Rwol u kompetenza | Referenza |
|---|---|---|---|
| CERT-UE | Tekniku / Operazzjonali | Jikkoordina r-rispons u l-ġestjoni ta' inċidenti kbar li jaffettwaw lill-entitajiet tal-Unjoni.<br><br>Membru tan-Network tas-CSIRTs.<br><br>Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-EU-CyCLONe.<br><br>Jaġixxi bħala ċ-ċentru ta' | Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 |

| Attur | Livell | Rwol u kompetenza | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | koordinazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u tar-rispons għall-inċidenti, li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti, theddid ċibernetiku, vulnerabbiltajiet u kważi aċċidenti fost l-entitajiet u l-kontropartijiet tal-Unjoni.<br><br>Jitlob il-varar tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE f'isem l-entitajiet tal-Unjoni.<br><br>Jikkoopera maċ-Ċentru taċ-Ċibersigurtà tan-NATO abbażi tal-Ftehim Tekniku tiegħu. | |
| Il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE | Politiku | Tiddeċiedi (ħlief meta l-klawżola ta' solidarjetà tiġi attivata skont l-Artikolu 222 tat-TFUE tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) jekk tattivax jew tiddiżattivax l-IPCR, fuq stedina ta' Stat Membru, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri affettwati kif xieraq, kif ukoll il-Kummissjoni u r-RGħ, u meta teskala jew tnaqqas minn mod ta' attivazzjoni għall-ieħor. | L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 |
| Ċentri ċibernetiċi transfruntiera | Tekniku | Iffurmati minn tliet ċentri ċibernetiċi nazzjonali jew aktar, dawn jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti relatata mat-theddid ċibernetiku, kważi aċċidenti, indikaturi ta' kompromess, allerti ċibernetiċi fiċ-ċentru transfruntier.<br><br>Jikkooperaw mill-qrib man-Network tas-CSIRTs biex jaqsmu l-informazzjoni.<br><br>Jipprovdu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew kontinwu taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni permezz tal-EU-CyCLONe u n-Network tas-CSIRTs. | Ir-Regolament (UE) 2025/38 |

| Attur | Livell | Rwol u kompetenza | Referenza |
|---|---|---|---|
| Network tas-CSIRTs | Tekniku | Jiskambja informazzjoni rilevanti dwar inċidenti, kważi aċċidenti, theddid ċibernetiku, riskji, u vulnerabbiltajiet.<br><br>Fuq talba ta' membru potenzjalment affettwat minn inċident, in-Network jiskambja u jiddiskuti informazzjoni fir-rigward ta' dak l-inċident u t-theddid ċibernetiku assoċjat.<br><br>In-Network jista' jimplimenta wkoll rispons koordinat għal inċident li jkun ġie identifikat fil-ġuriżdizzjoni ta' membru li qed jagħmel it-talba.<br><br>Jirċievi informazzjoni mingħand l-Istati Membri rigward it-talbiet tagħhom lir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. | L-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 |
| Konferenza taċ-Ċiberkmandanti | | Forum għaċ-ċiberkmandanti fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri biex jikkollaboraw u jiskambjaw informazzjoni vitali dwar l-operazzjonijiet u l-istrateġiji taċ-ċiberspazju li għaddejjin għall-mitigazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira. Huwa organizzat mill-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), u l-Persunal Militari tal-UE (EUMS, EU Military Staff). | Komunikazzjoni Konġunta dwar iċ-Ċiberdifiża |
| Kummissjoni | Operazzjonali / Politiku | Tiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern<br><br>Tipprovdi rapporti analitiċi (ISAA) għall-mekkaniżmu tal-IPCR<br><br>Azzjonijiet ta' preparatezza ġenerali, inkluża l-ġestjoni taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza u s-Sistema Komuni ta' | L-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1993<br><br>Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal- |

| Attur | Livell | Rwol u kompetenza | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza.<br><br>Osservatur fl-EU-CyCLONe u Membru f'każ ta' inċident potenzjali jew li jkun għaddej fuq skala kbira.<br><br>Osservatur fin-Network tas-CSIRTS.<br><br>Għandha responsabbiltà ġenerali mill-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE.<br><br>Punt ta' kuntatt tal-Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti fir-rigward ta' inċidenti kbar mal-EU-CyCLONe.<br><br>Sorveljanza strateġika taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo. (GSMC)<br><br>Ikkonsultata mill-Presidenza tal-Kunsill dwar deċiżjonijiet biex jiġi attivat jew diżattivat l-IPCR. Is-servizzi tal-Kummissjoni jiżviluppaw, flimkien mas-SEAE, ir-rapport tal-ISAA. | Kunsill<br><br>Id-Direttiva (UE) 2022/2555<br><br>Ir-Regolament (UE) 2025/38, u r-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 |
| L-Aġenzija Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) | Tekniku / operazzjonali | Tipprovdi s-segretarjat għan-Network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe.<br><br>Tgħin fl-iżvilupp ta' rispons komuni għal inċidenti jew kriżijiet transfruntiera fuq skala kbira billi:<br><br>Taggrega u tanalizza rapporti minn sorsi nazzjonali<br><br>Tiżgura l-fluss ta' informazzjoni bejn il-livelli tekniċi, operazzjonali u politiċi<br><br>Tiffaċilita t-trattament tal-inċidenti<br><br>Tappoġġja l-entitajiet tal-Unjoni fir-rigward tal-komunikazzjoni pubblika.<br><br>Tittestja l-kapaċitajiet ta' rispons | Id-Direttiva NIS 2 (UE) 2022/2555<br><br>Ir-Regolament (UE) 2019/881<br><br>Ir-Regolament (UE) 2025/38<br><br>Ir-Regolament (UE) 2024/2847 |

| Attur | Livell | Rwol u kompetenza | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | għall-inċidenti.<br>Topera u tamministra r-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, parzjalment jew kompletament, kif previst fl-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà.<br>Tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet magħrufa u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni għal inċident ċibernetiku sinifikanti jew fuq skala kbira speċifiku.<br>Tipprepara rapport ta' rieżami tal-inċidenti | |
| Network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe) | Operazzjonali | Jappoġġja l-ġestjoni koordinata ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell operazzjonali<br>Jiżgura l-iskambju regolari ta' informazzjoni rilevanti fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.<br>Jikkoordina l-ġestjoni ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u jappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell politiku fir-rigward ta' inċidenti u tali kriżijiet.<br>Jivvaluta l-konsegwenzi u l-impatt tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà rilevanti fuq skala kbira u jipproponi miżuri ta' mitigazzjoni possibbli.<br>Jiżviluppa, flimkien mal-ENISA, il-mudell biex jiffaċilita s-sottomissjoni ta' talbiet għall-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE.<br>Jirċievi informazzjoni mingħand l-Istati Membri rigward it-talbiet tagħhom lir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE.<br>Jirċievi informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew li jkun għaddej taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira miċ-ċentri ċibernetiċi transfruntiera jew min-Network tas- | Id-Direttiva (UE) 2022/2555<br>Ir-Regolament (UE) 2025/38 |

| Attur | Livell | Rwol u kompetenza | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | CSIRTs. | |
| Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà appoġġjat mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | Politiku | Imexxi u jikkoordina l-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza t-theddid għas-sigurtà esterna fl-oqsma tal-ibridi u dawk ċibernetiċi<br><br>Responsabbli mill-istrumenti taċ-ċiberdiplomazija u ċ-ċiberdifiża tal-Unjoni biex jiskoraġġixxi u jirrispondi għat-theddid estern billi juża s-Settijiet ta' Għodod Ibridi u taċ-Ċiberdiplomazija tal-Unjoni.<br><br>Jinvolvi ruħu ma' sħab esterni inkluż ukoll permezz tal-involviment tal-PSDK.<br><br>Jipprovdi preparatezza għall-għarfien tas-sitwazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri dwar it-theddid ibridu u ċibernetiku u l-kapaċità li jirreaġixxu għalih, pereżempju permezz ta' eżerċizzji prattiċi, taħriġ u networks.<br><br>Jittratta l-implikazzjonijiet tas-sigurtà u d-difiża tal-assi spazjali tal-Unjoni, speċjalment taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-Unjoni.<br><br>Ikkonsultata mill-Presidenza tal-Kunsill dwar deċiżjonijiet biex jiġi attivat jew diżattivat l-IPCR. Is-SEAE jiżviluppa, flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni, ir-rapport tal-ISAA. | Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE |
| Europol | Operazzjonali | Jipprovdi appoġġ operazzjonali u tekniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u d-deterrenza taċ-ċiberkriminalità. | Ir-Regolament (UE) 2016/794, inklużi l-emendi kollha |
| Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà | | Japprova l-pjan interistituzzjonali għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi għall-entitajiet tal-Unjoni. Jadotta, abbażi ta' proposta tas-CERT-UE, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fir-rispons għall-inċidenti għal inċidenti sinifikanti li | Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 |

| Attur | Livell | Rwol u kompetenza | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | jikkonċernaw l-entitajiet tal-Unjoni.<br><br>. | |
| Network Operazzjonali għall-Iskwadri Militari ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (MICNET) | Tekniku | Irawwem rispons aktar robust u koordinat għat-theddid ċibernetiku li jaffettwa s-sistemi ta' difiża fl-Unjoni, inkluż dawk użati f'missjonijiet u operazzjonijiet militari tal-PSDK; stabbilit u appoġġjat mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. | Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar iċ-Ċiberdifiża 2022 |
| Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC) | | Magħmula minn (1) Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN tal-UE) li jittratta intelligence ċivili u intelligence b'sors miftuħ u jipprovdi intelligence strateġika dwar il-politika barranija, it-terroriżmu u t-theddid ibridu, u (2) id-Direttorat tal-Intelligence tal-Persunal Militari tal-UE (EUMS INT) li jittratta l-intelligence militari għall-missjonijiet tal-PSDK u jappoġġja l-operazzjonijiet ta' difiża u ta' ġestjoni ta' kriżijiet tal-Unjoni.<br>Taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli. | L-Artikoli 38 u 42 sa 46 tat-Trattat dwar l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea<br>2001/555/PESK<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/461/PESK |

**(3) Mekkaniżmi ta' kriżi rilevanti fil-livell tal-Unjoni**

| Mekkaniżmu | Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika | Deskrizzjoni | Referenza |
|---|---|---|---|
| ARGUS | Orizzontali | Tippermetti lill-Kummissjoni tiskambja informazzjoni rilevanti dwar kriżijiet multisettorjali emerġenti jew theddid prevedibbli jew imminenti li jirrikjedi azzjoni fil-livell tal-Unjoni. | Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2005)662 |

| Mekkaniżmu | Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika | Deskrizzjoni | Referenza |
|---|---|---|---|
| Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet (CRC,) tas-SEAE | Orizzontali | Il-punt ta' dħul uniku għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-kriżi fis-SEAE u l-kapaċità permanenti ta' rispons għall-kriżijiet 24/7 għal emerġenzi li jheddu s-sikurezza tal-persunal fid-Delegazzjonijiet tal-UE, u/jew b'reazzjoni għall-kriżijiet li jaffettwaw liċ-ċittadini tal-Unjoni barra mill-pajjiż. Huwa jlaqqa' flimkien esperti tas-sigurtà, konsulari u tal-għarfien tas-sitwazzjoni, filwaqt li jiddependi fuq professjonisti impenjati fuq il-post fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni. | Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li Tipproteġi ċ-Ċittadini, il-Valuri u l-Interessi u l-Kontributi tagħha għall-Paċi u s-Sigurtà Internazzjonali (21 ta' Marzu 2022) |
| Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika | Orizzontali | Jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil fl-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti. | Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2024/4371 |
| Sistema ta' Twissija għaċ-Ċibersigurtà | Speċifika għaċ-ċibernetika | Tiżgura kapaċitajiet avvanzati tal-Unjoni biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' detezzjoni, analiżi u pproċessar tad-data fir-rigward tat-theddid ċibernetiku u l-prevenzjoni ta' inċidenti fl-Unjoni. | Ir-Regolament (UE) 2025/38 (l-Att dwar is-Solidarjetà Ċibernetika) serje ĠU L, 15.1.2025 |
| Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija (Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi) | Speċifiċi għaċ-ċibernetika | Ir-rispons diplomatiku konġunt tal-Unjoni għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-mitigazzjoni tat-theddid għaċ-ċibersigurtà, u stabbiltà akbar fir-relazzjonijiet internazzjonali. | Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2017<br>Il-Linji gwida ta' implimentazzjoni riveduti 10289/23, 08.06.2023 |
| Riżerva Ċibernetika Ewropea | Speċifika għaċ-ċibernetika | Timmobilizza l-esperti u r-riżorsi taċ-ċibersigurtà matul il-kriżijiet biex tappoġġja l-isforzi ta' rispons fl-Istati Membri, fl-istituzzjonijiet, fil-korpi jew fl-aġenziji tal-Unjoni | Ir-Regolament (UE) 2025/38 |
| Kodiċi tan-network dwar | Settorjali | Jistabbilixxi proċess rikorrenti ta' valutazzjonijiet tar-riskju għaċ- | Ir-Regolament Delegat tal- |

| Mekkaniżmu | Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika | Deskrizzjoni | Referenza |
|---|---|---|---|
| regoli speċifiċi għas-settur għall-aspetti taċ-ċibersigurtà tal-flussi transfruntieri tal-elettriku | | ċibersigurtà fis-settur tal-elettriku, jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni tal-kriżijiet u rabtiet man-Network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe. | Kummissjoni (UE) 2024/1366 |
| Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-UE għaċ-Ċiberdifiża | Orizzontali | L-objettiv inizjali tiegħu huwa li primarjament isaħħaħ l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tiegħu dwar attivitajiet malizzjużi fiċ-ċiberspazju, b'mod partikolari fir-rigward tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK. | Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar iċ-Ċiberdifiża 2022 |
| Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu | Orizzontali | Jinkludi sett ta' dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata ħarsa ġenerali ta' dak li huwa disponibbli fil-livell tal-UE b'rispons għal kull tip ta' theddid ibridu, l-użu koordinat tagħhom, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza tal-azzjonijiet tagħna fl-oqsma kollha. Is-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu jgħin biex jiġi żgurat li t-teħid tad-deċiżjonijiet ikun ibbażat fuq għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni u t-tagħlimiet meħuda | Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi, fit-22 ta' Ġunju 2022 |
| Timijiet ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu (HRRTs tal-UE) | Orizzontali | Bħala parti mis-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu, it-Timijiet ta' Rispons Rapidu tal-UE kontra Theddid Ibridu jużaw l-għarfien espert ċivili u militari settorjali rilevanti nazzjonali u tal-UE biex jipprovdu assistenza mfassla apposta u mmirata fuq terminu qasir lill-istati membri, lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, u lill-pajjiżi sħab fil-ġlieda kontra t-theddid u l-kampanji ibridi. | Qafas ta' gwida għall-istabbiliment prattiku tat-Timijiet ta' Rispons Rapidu tal-UE kontra Theddid Ibridu (21 ta' Mejju 2024) |
| IPCR | Orizzontali | Jappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet rapidu u kkoordinat fil-livell politiku | Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal- |

| Mekkaniżmu | Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika | Deskrizzjoni | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | tal-Unjoni għal kriżijiet kbar u kumplessi, inklużi atti ta' terroriżmu.<br><br>Id-deċiżjoni biex tiġi attivata u diżattivata tittieħed mill-Presidenza tal-Kunsill li tikkonsulta (ħlief fejn fil-klawżola ta' solidarjetà tkun ġiet invokata) lill-Istati Membri affettwati, lill-Kummissjoni u lir-RGħ.<br><br>Is-SĠK, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jistgħu jaqblu wkoll, f'konsultazzjoni mal-Presidenza, li jattivaw l-IPCR fil-modalità tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni.<br><br>Id-diskussjonijiet huma infurmati mir-rapport tal-ISAA żviluppat mis-servizzi tal-Kummissjoni u mis-SEAE. Ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni u analiżi rilevanti pprovduti mill-Istati Membri (eż. miċ-ċentri nazzjonali rilevanti għall-kriżijiet) b'mod partikolari permezz tal-pjattaforma web, u mill-Aġenziji tal-Unjoni | Kunsill (UE) 2018/1993 |
| Il-Protokoll ta' Rispons f'Emerġenza tal-Infurzar tal-Liġi tal-UE | Orizzontali | Għodda li tappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tad-dritt tal-Unjoni biex jipprovdu rispons immedjat għal attakki ċibernetiċi transfruntiera kbar permezz ta' valutazzjoni rapida, il-kondiviżjoni sigura u f'waqtha ta' informazzjoni kritika u l-koordinazzjoni effettiva tal-aspetti internazzjonali tal-investigazzjonijiet tagħhom. | Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Ġunju 2018) dwar Rispons tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira. |
| It-Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku tal-PESCO (CRRT) | Speċifiċi għaċ-ċibernetika | Jiskjeraw timijiet speċjalizzati biex jirrispondu malajr għal inċidenti ċibernetiċi sinifikanti kif ukoll iwettqu azzjonijiet preventivi, bħall-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-monitoraġġ tal-elezzjonijiet.<br><br>Inizjattiva tal-Istati Membri, parzjalment iffinanzjata mill-Faċilità | L-Artikolu 42(6), l-Artikolu 46 u l-Protokoll 10 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. |

| Mekkaniżmu | Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika | Deskrizzjoni | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | Nikkollegaw l-Ewropa. | |
| L-Arkitettura tar-Rispons għat-Theddid Spazjali (STRA) | Settorjali<br>(Theddid spazjali inkluż dak ċibernetiku) | L-Arkitettura ta' Rispons għat-Theddid Spazjali (STRA) dwar ir-responsabbiltajiet li għandhom jiġu eżerċitati mill-Kunsill u mir-Rappreżentant Għoli biex tiġi evitata theddida li tirriżulta mill-varar, l-operat jew l-użu tas-sistemi stabbiliti u s-servizzi pprovduti skont il-Programm Spazjali tal-Unjoni | Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 |
| Qafas ta' Koordinazzjoni tal-Inċidenti Ċibernetiċi Sistemiċi (EU-SCICF) | Settorjali | Qafas li qed jiġi żviluppat għall-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni li jindirizza u jimmaniġġja avvenimenti ċibernetiċi sistemiċi potenzjali fis-settur finanzjarju. Dan se jibni fuq wieħed mir-rwoli previsti tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) skont ir-Regolament (UE) 2022/2554 li gradwalment jippermetti rispons koordinat effettiv fil-livell tal-Unjoni fil-każ ta' inċident transfruntier kbir relatat mat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jew theddida relatata li jkollhom impatt sistemiku fuq is-settur finanzjarju tal-Unjoni kollu kemm hu. | Ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar qafas pan-Ewropew ta' koordinazzjoni tal-inċidenti ċibernetiċi sistemiċi għall-awtoritajiet rilevanti (ESRB/2021/17) |
| Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) | Orizzontali | Jiżgura l-kooperazzjoni fil-protezzjoni ċivili biex itejjeb il-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għad-diżastri. | Id-Deċiżjoni 1313/2013. |
| CISE - Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni | Speċifiku għas-settur marittimu li jkopri seba' setturi. | Is-CISE - huwa network li jgħaqqad is-sistemi tal-awtoritajiet tal-UE/taż-ŻEE b'responsabbiltà fis-sorveljanza marittima. Is-CISE jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn il-fruntieri u setturi differenti b'mod awtomatizzat u bla xkiel. | Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li Tipproteġi ċ-Ċittadini, il-Valuri u l-Interessi u l-Kontributi tagħha għall-Paċi u s-Sigurtà Internazzjonali (21 |

| Mekkaniżmu | Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika | Deskrizzjoni | Referenza |
|---|---|---|---|
| | | | ta' Marzu 2022). |

**(4) Setturi ta' kritikalità għolja u setturi kritiċi oħra skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 u mekkaniżmi ta' kriżi settorjali fil-livell tal-Unjoni (fejn applikabbli)**

| Setturi | Sottosettur | Mekkaniżmi ta' kriżi settorjali applikabbli |
|---|---|---|
| Enerġija | Elettriku | Grupp għall-Koordinazzjoni tal-Elettriku |
| | Tisħin u tkessiħ distrettwali | mhux applikabbli |
| | Żejt | Grupp ta' Koordinazzjoni għaż-Żejt<br>Il-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea Responsabbli għall-Attivitajiet taż-Żejt u tal-Gass lil hinn mill-Kosta (EUOAG) |
| | Gass | Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass |
| | Idroġenu | mhux applikabbli |
| Trasport | Ajru | Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni (EACCC) |
| | Ferrovija | mhux applikabbli |
| | Ilma | L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)<br>SafeSeaNet (SSN)<br>Servizzi Marittimi Integrati (IMS)<br>Iċ-Ċentru tad-Data għall-Identifikazzjoni u Traċċar mill-Bogħod (LRIT)<br>Servizzi ta' Appoġġ Marittimu tal-EMSA |
| | Toroq | mhux applikabbli |

| | | |
|---|---|---|
| | Orizzontali | In-Network ta' Punti ta' Kuntatt għat-Trasport, stabbilit mill-Pjan ta' Kontinġenza għat-Trasport (COM(2022) 211) |
| Ibbankjar | | EU-SCICF |
| Infrastrutturi tas-suq finanzjarju | | EU-SCICF<br>Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja |
| Saħħa | | Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS)<br>Il-Faċilità tal-Operazzjonijiet ta' Emerġenza tas-Saħħa (HEOF) Sistema ta' twissija rapida għat-tessuti u ċ-ċelloli u l-Komponenti tad-demm (RATC/RAB)<br>Qafas għall-Emerġenzi tas-Saħħa Pubblika<br>Is-Sistema ta' Twissija Rapida għal Inċidenti Kimiċi (RASCHEM)<br>Il-portal Ewropew ta' sorveljanza għall-mard infettiv<br>L-Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA)<br>Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa Medika (MediSys)<br>Il-Grupp Eżekuttiv ta' Tmexxija dwar l-Apparati Mediċi (MDSSG)<br>Twissija Rapida tal-Farmakoviġilanza<br>It-Task Force tal-UE għas-Saħħa (EUHTF) |
| Ilma tax-xorb | | mhux applikabbli |
| Ilma mormi | | mhux applikabbli |
| Infrastruttura diġitali | | mhux applikabbli |
| Ġestjoni tas-servizzi tal-ICT | | mhux applikabbli |
| Amministrazzjoni pubblika | | mhux applikabbli |

| | | |
|---|---|---|
| Spazju | | Arkitettura tar-Rispons għat-Theddid Spazjali (STRA) |
| Servizzi postali u tal-kurrier | | mhux applikabbli |
| Ġestjoni tal-iskart | | mhux applikabbli |
| Manifattura, produzzjoni u distribuzzjoni ta' sustanzi kimiċi | | Sistema ta' Twissija Rapida għal Inċidenti Kimiċi (RASCHEM) |
| Produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni tal-ikel | | Sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-għelejjel<br>Detezzjoni ta' hotspot ta' anomalija tal-produzzjoni agrikola globali (ASAP) Network Ewropew ta' Sistemi ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa tal-Pjanti (EUROPHYT) Tim Veterinarju ta' Emerġenza tal-UE (EUVET)<br>Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF)<br>Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM)<br>Att dwar l-Emerġenza u r-Reżiljenza tas-Suq Intern (IMERA) |
| Manifattura | Apparati mediċi | mhux applikabbli |
| | Kompjuter, prodotti elettroniċi u ottiċi | mhux applikabbli |
| | Makkinarju u tagħmir | mhux applikabbli |
| | Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers | mhux applikabbli |
| | Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport | mhux applikabbli |
| Fornituri diġitali | | mhux applikabbli |
| Riċerka | | mhux applikabbli |

## ANNESS 3 – PRINĊIPJI TA' GWIDA

Il-prinċipji stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar iċ-Ċibersigurtà tal-2017 jibqgħu rilevanti.

*Proporzjonalità*: il-biċċa l-kbira tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà li jaffettwaw lill-Istati Membri jaqgħu taħt dik li tista' titqies bħala kriżi nazzjonali jew tal-Unjoni. F'każ ta' inċidenti ċibernetiċi, l-Istati Membri jikkooperaw fi ħdan in-Network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom.

*Sussidjarjetà*: L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għar-rispons fil-każ ta' inċidenti jew kriżijiet taċ-ċibersigurtà li jolqtuhom fuq skala kbira. Il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-ENISA, is-CERT-UE, l-Europol u l-entitajiet rilevanti l-oħra kollha tal-Unjoni għandhom rwoli importanti matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-kriżi. Dan ir-rwol huwa stabbilit fl-arranġamenti tal-IPCR iżda jirriżulta wkoll mid-dritt tal-Unjoni u jirrifletti kif l-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà għandhom impatt fuq settur wieħed jew aktar tal-attività ekonomika fis-suq uniku, is-sigurtà u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni, kif ukoll l-istituzzjonijiet infushom.

*Kumplimentarjetà*: din ir-Rakkomandazzjoni tqis bis-sħiħ il-mekkaniżmi eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, jiġifieri l-arranġamenti tal-IPCR, ARGUS, u l-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE. Hija tqis ir-rwoli modifikati tan-Network tas-CSIRTs u tal-EU-CyCLONe skont ir-regoli adottati mill-2017 biex timmassimizza s-sinerġiji u timminimizza d-duplikazzjoni, u l-adozzjoni tal-Protokoll ta' Rispons f'Emerġenza tal-Infurzar tal-Liġi tal-UE.

*Kunfidenzjalità tal-informazzjoni*: L-iskambji kollha ta' informazzjoni fil-kuntest ta' din ir-Rakkomandazzjoni jridu jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar is-sigurtà, dwar il-protezzjoni tad-data personali u s-sistema tat-Traffic Light Protocol għall-klassifikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva. Għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, irrispettivament mill-iskema ta' klassifikazzjoni applikata, għandhom jintużaw l-għodod akkreditati disponibbli. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, ir-regoli applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari, għandhom jiġu rispettati, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], kif ukoll ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3].

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[2] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

[3] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).